MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 205/2010

**Il- Pulizija**

**v.**

**Cajetan Cilia**
**Manuel Debattista**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra l-imsemmijin Cajetan Cilia u Manuel Debattista talli fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LIMITED (C6404), b’indirizz registrat PEG BUILDINGS, UB 7, Industrial Estate, San Gwann, Malta, u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu pagi dovuti ghal perijodu bejn il-25 ta’ Lulju 2009 sas-7 ta’ Awissu

2009 li jammontaw ghal €482.18, il-bonus statutorju ghall-perijodu bejn l-1 ta’ Jannar 2009 sat-30 ta’ Gunju 2009 li jammonta ghal €135.10, il-bonus statutorju bejn l-1 ta’ Lulju 2009 sas-7 ta’ Awissu 2009 li jammonta ghal €28.12, il-weekly allowance ghall-perijodu bejn l-1 ta’ April 2009 sas-7 ta’ Awissu 2009 li jammonta ghal €86.68, il-vacation leave sal-31 ta’ Dicembru 2008 li jammonta ghal €578.88, il-vacation leave ghall-perijodu bejn l-1 ta’ Jannar 2009 sas-7 ta’ Awissu 2009 li jammonta ghal €690.19 u n-notice ghall-perijodu bejn l-10 ta’ Awissu 2009 sas-16 ta’ Ottubru 2009 li jammonta ghal €2,893.08, li b’kollox jammontaw ghal erbat elef tmien mija erbha u disghin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,894.23) li kienu dovuti lil ex-impjegat tas-socjeta` msemmija, u cioe` lil Paul Attard, fis-7 ta’ Awissu 2009 meta l-imjpjieg tieghu gie terminat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistarati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikoli 5, 22, 22(2), 23, 36, 45 u 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-regolament 8(1) ta’ l-Avviz Legali 247/2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427/2007, sabet lill-imsemmijin Cajetan Cilia u Manuel Debattista hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom multa ta’ mija u sittax-il euro (€116) kull wiehed u ordnat sabiex sa zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jhallsu lil Paul Attard is-somma ta’ erbat elef tmien mija erbha u disghin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,894.23);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Cajetan Cilia u Manuel Debattista pprezentat fit-13 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberahom minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li mill-provi prodotti jirrizulta li Paul Attard kien jahdem mas-socjeta` PEG Ltd. u mhux mas-socjeta` Publishers Enterprises Group (PEG) Limited, u ghalhekk l-appellanti, li gew akkuzati fil-kapacita` taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti guridici ta’ Publishers Enterprises Group (PEG) Limited, ma setghux jinstabu hatja; (2) li l-proceduri odjerni ma setghu qatt jigu inizjati kontra l-appellanti stante li s-setghat taghhom bhala diretturi kienu sospizi u tali setghat u dmirijiet kienu jaqghu biss f’idejn il-kontrollur specjali. Inoltre waqt il-perijodu ta’ stralc, ir-rapprezentanza guridika kienet f’idejn l-istralcjarju.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti m’ghandhomx ragun. Filwaqt illi huma jirreferu ghad-Dok. PC3, u cioe` t-*termination form*, fejn hemm indikat l-isem “PEG Ltd.” bhala l-isem tad-ditta li kienet thaddem lil Paul Attard, din il-Qorti tirreferi ghad-Dok. PC5 li hija l-FS3 ta’ l-istess Paul Attard fejn l-isem tal-*payer* huwa ndikat bhala “Publishers Entp. Group (PEG) Ltd.”, kif ukoll ghad-Dok. PC2. Dan l-ahhar dokument jikkonsisti f’ittra mibghuta lil Paul Attard fis-7 ta’ Awissu 2009 minn Emanuel Debattista fuq *letterhead* tal-kumpanija “Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.”, iffirmata minnu bhala direttur u fejn qieghed jindika lil Paul Attard kemm, skond hu, kien dovut lil Attard mill-kumpanija bhala *wages, bonus (June)* u *vacation leave*. Ladarba l-*letterhead* hija tal-kumpanija “Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.” huwa evidenti li meta Emanuel Debattista kien qieghed jirreferi ghal dak dovut mill-kumpanija lil Paul Attard, huwa kien qieghed jirreferi ghall-kumpanija msemmija fil-*letterhead*, li jfisser li Paul Attard kien impjegat ma’ dik il-kumpanija. Barra minn hekk huwa wkoll evidenti li l-isem “PEG” huwa biss forma abbrevjata ta’ l-isem “Publishers Enterprises Group”. Difatti anke fl-istess ittra tas-7 ta’ Awissu 2009, Emanuel Debattista jitlob lil Paul Attard jibghat kopja ffirmata tat-*termination form* lil “PEG”. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellanti jirreferu ghall-fatt illi skond il-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, meta jkun hemm kontrollur specjali nominat mill-Qorti bis-sahha ta' l-artikolu 329B u anke meta jkun gie nominat stralcjarju bis-sahha ta' l-artikolu 295, is-setghat kollha tad-diretturi jigu sospizi jew jieqfu. L-appellanti jsostnu illi, stante li l-pretensjoni ta' Paul Attard tirreferi ghal zmien meta diga` kien gie nominat kontrollur specjali, u sussegwentement gie anke nominat stralcjarju, il-proceduri odjerni ma setghux jigu inizjati kontra taghhom.

Issa, mill-atti jirrizulta li l-kontrollur specjali gie nominat fid-9 ta' Gunju 2009. Pero` l-impjieg ta' Paul Attard gie terminat fis-7 ta' Awissu 2009. Id-dokumentazzjoni relattiva ma thejjitx mill-kontrollur specjali izda minn Emanuel Debattista. Issir referenza hawn ghall-ittra Dok. PC2 iffirmata mill-istess Emanuel Debattista bhala direttur, in-*notice of termination form* Dok. PC3 iffirmata wkoll minn Emanuel Debattista bhala *managing director*, id-Dok. PC4 rapprezentanti l-ahhar *payslip* tal-paga li thallset lil Paul Attard sal-24 ta' Lulju 2009, u l-FS3 Dok. PC5 ukoll iffirmata minn Emanuel Debattista bhala *managing director*. Jigifieri nonostante n-nomina ta' kontrollur specjali, l-appellant Emanuel Debattista jidher li xorta wettaq dmirijiet fil-kwalita` tieghu ta' ufficjal tal-kumpanija msemmija. U ma gabx prova li dan sar bil-kunsens tal-kontrollur specjali.

Imbaghad l-artikolu 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, <u>kull persuna</u> li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpannija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni jew <u>kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali</u> titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."**

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Barbaro Sant** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2007 meta kienet qed tikkunsidra l-artikolu 13 tal-Kap. 249 (provvediment ekwivalenti ghall-artikolu 46 tal-Kap. 452 appena citat): **"Dan ifisser li jekk il-prosekuzzjoni tasal biex tipprova li sar reat mis-socjeta` kummercjali li taghha l-appellant kien direttur fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati, ikun hemm prezunzjoni *juris tantum* <u>tal-htija tieghu ukoll individwali</u>, sakemm ma jippruvax, almenu sal-grad tal-probabbilita` rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali, li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat in kwistjoni"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ara wkoll is-sentenza **Il-Pulizija v. Paul Polidano et** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' April 2006 fejn, b'referenza ghall-artikolu 46 tal-Kap. 452, intqal li r-responsabbilta` tal-persuni ndikati fl-imsemmi artikolu hija wahda "personali". L-appellant Manuel Debattista kien ghadu direttur tas-socjeta` msemmija u, nonostante li suppost is-setghat tieghu kienu sospizi, huwa xorta agixxa kif inghad, sahansitra bir-rikonoxximent ta' kreditu favur Paul Attard. Ghalhekk ma jistax issa jippretendi li jibbenefika mill-provvedimenti minnu citati taht il-Kap. 386. Kwantu ghall-appellant Cajetan Cilia, huwa ma ppruvax almenu sal-grad tal-probabbilita` li r-reat sar minghajr it-taghrif tieghu u li ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat in kwistjoni. Ghalhekk l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef tmien mija erbgha u disghin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€4,894.23) lil Paul Attard jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------